

**Brussell, 16 ta' April 2021  
(OR. fr)**

**7723/21**

**COAFR 89  
CFSP/PESC 357  
RELEX 293  
CSDP/PSDC 168  
ACP 20  
DEVGEN 60  
COHOM 73  
COHAFA 25  
CIVCOM 48  
COPS 128**

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

**minn:** Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

**lil:** Delegazzjonijiet

---

**Suġġett:** Strateġija integrata tal-Unjoni Ewropea fis-Saħel  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' April 2021)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija integrata tal-Unjoni Ewropea fis-Saħel, kif approvati bi proċedura bil-miktub fis-16 ta' April 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill  
dwar l-istrateġija integrata tal-Unjoni Ewropea fis-Saħel**

***Osservazzjonijiet preliminari***

1. L-Istati tas-Saħel u tal-Unjoni Ewropea huma sħab naturali b'rabtiet storiċi, ġeografiċi u kulturali. Kif imfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2020 dwar l-Afrika, huwa tal-akbar interess għall-UE li tiżviluppa sħubija aktar mill-qrib u ambizzjuża mal-Afrika u r-reġjuni tagħha, partikolarment b'appoġġ għall-multilateraliżmu; għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà; għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv; għat- tkabbir ekonomiku. Fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom tat-28 ta' April 2020, il-membri tal-Kunsill Ewropew u l-Istati membri tal-G5 tas-Saħel affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-iżvilupp tas-Saħel. L-UE tfakkar ukoll fl-impenn tagħha għall-approċċ reġjonali u integrat tagħha, kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2019.
2. Ir-relazzjoni privileġġata bejn is-Saħel u l-UE toffri opportunitajiet strateġiċi reċiproċi. Tiffaċilita l-adozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni biex jiġu ffaċċati sfidi komuni. Barra minn hekk, Saħel stabbli huwa indispensabbli biex il-popli tas-Saħel u tal-UE jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ minn opportunitajiet ekonomiċi, fi spirtu ta' sħubija li minnha jgawdi kulħadd.

3. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, is-Saħel kellu jħabbat wiċċu ma' sitwazzjonijiet kumplessi li fihom il-vulnerabbiltajiet, il-fraġilità u n-nuqqas ta' sigurtà jtkattru b'mod reċiproku. Il-kriżi profonda tas-sigurtà li ilha taffettwa ċerti partijiet mir-reġjun mill-2012 'il hawn qed ixxekkel l-iżvilupp tiegħu u tissogra li ggħib fix-xejn il-progress tad-deċennji preċedenti. L-UE tagħder lill-vittmi kollha u tfaħħar il-kuraġġ tal-popolazzjonijiet tar-reġjun.
  
4. Xejriet fit-tul bħat-tibdil fil-klima, il-persjoni demografika f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku insuffiċjenti, l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, ir-riskji ta' epidemiji, kif ukoll il-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19 u l-effetti tagħha, aggravaw it-tensjonijiet diġà eżistenti, u saħansitra ħolqu sfiċi ġodda: il-kwistjoni tal-aċċess għall-ilma u s-sanità, għall-artijiet, l-aċċess għall-edukazzjoni, għas-servizzi tas-saħħa, għall-impjegi, il-volum tal-flussi migratorji. Bosta minn dawn l-isfiċi strutturali jitolbu twegħiba lokali, nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali kif ukoll impenn fit-tul. L-UE, bħala sieħba privileġġata, tibqa' lesta li tagħti kontribut għal dan.
  
5. F'dan il-kuntest, u filwaqt li tinnota l-ilħna kontra l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, kontra l-inugwaljanza, il-korruzzjoni u wkoll kontra l-impunità, l-UE hija mħassba dwar il-fraġilità tal-kuntratt soċjali u dwar l-isfiċi għal-leġittimità tal-Istat, diġà mdgħajfa mill-preżenza dgħajfa tiegħu f'bosta reġjuni. L-espansjoni gradwali tal-insigurtà u l-impatt tagħha, li l-popolazzjonijiet ċivili huma l-ewwel vittmi tagħha, aggravat sitwazzjoni b'diversi kriżijiet, b'konsegwenzi umanitarji bla preċedent fir-reġjun, inkluż żieda fl-għadd ta' persuni spostati internament u ta' refuġjati, spostamenti furzati, abbużi, tensjonijiet interkomunitarji u intrakomunitarji, it-tkattir ta' kriżijiet rikorrenti tal-ikel u n-nutrizzjoni, iż-żieda fil-ħtiġijiet tas-saħħa, u d-diffikultà li jiġu stabbiliti servizzi tal-Istat fiż-żoni ta' kunflitt. Filwaqt li tagħraf li l-instabbiltà tagħti kontribut ukoll għall-migrazzjoni irregolari, l-UE tibqa' impenjata lejn is-sħab tagħha tas-Saħel f'dawn l-oqsma.

6. Dawn l-isfidi kollha, iż-żieda fl-attività tal-gruppi armati, li minnhom bosta huma affiljati ma' gruppi terroristiċi internazzjonali, l-aggravar tal-insigurtà, sikwit transfruntiera, kif ukoll l-appelli biex jissaħħaħ ir-rispons politiku u umanitarju, wasslu lill-gvernijiet tar-reġjun u lis-sħab internazzjonali tagħhom biex jorganizzaw rispons kollettiv, li jħaddan fih sforzi sinifikanti fil-qasam tas-sigurtà, l-iżvilupp, il-governanza u l-bini mill-ġdid tal-paċi: il-ħolqien tal-G5 tas-Saħel fl-2014 li wassal għaż-żieda fil-qawwa tal-Forza konġunta tiegħu mill-2017 'l hawn, u t-twaqqif ta' Forza multinazzjonali mħallta għall-ġlieda kontra Boko Haram (Task Force Konġunta Multinazzjonali) fil-qafas tal-Kummissjoni tal-Baċir tal-Lag Chad (2014). B'mod parallel, tnedew suċċessivament l-Alleanza għas-Saħel fl-2017, is-Sħubija għas-Sigurtà u l-Istabbiltà fis-Saħel (P3S) fl-2019 u fl-aħħar nett il-Koalizzjoni Internazzjonali għas-Saħel fl-2020, bħala qafas ta' impenn politiku u strateġiku fis-Saħel. Sabiex dawn l-isforzi jkunu jistgħu jkomplu jagħtu l-frott, jeħtieġ li jkomplu jissaħħu fl-oqsma kollha.
7. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill għandhom l-għan li jevalwaw l-istrateġija tal-2011 riveduta fl-2014 u l-pjan ta' azzjoni reġjonali tagħha għall-perijodu 2015-2020, fil-kuntest attwali u filwaqt li jitqiesu dawn l-iżviluppi importanti. Huma jikkomplementaw u jsaħħu l-istrateġiji għas-Saħel tal-Istati Membri tal-UE f'approċċ integrat li jaħdem biex isaħħaħ is-sinerġiji u l-koerenza bejn l-atturi u strumenti differenti użati fis-Saħel.
8. L-UE tappoġġa lill-Istati tas-Saħel fl-isforzi tagħhom biex jirrispondu b'mod sħiħ għall-aspirazzjonijiet tal-popolazzjonijiet tagħhom u tixtieq iżżid l-appoġġ tagħha billi tagħmel enfasi akbar fuq id-dimensjoni politika, bil-governanza fil-qalba tal-azzjoni tagħha.

9. Il-qafas ġeografiku ewlieni ta' din l-istrateġija l-ġdida huwa l-ħames Stati tal-G5 tas-Saħel: il-Burkina Faso, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, u ċ-Chad. Madankollu hija tqiegħed l-azzjoni tal-UE fil-kuntest usa' tal-isfidi reġjonali u transfruntiera, mis-sitwazzjoni Libjana għan-nuqqas ta' sigurtà fil-Baċir tal-Lag Chad u fil-Golf tal-Guinea, mill-kosta tal-Punent sad-dinamika tal-Afrika tal-Lvant, filwaqt li tqis l-interkonnessjonijiet bejn l-isfidi reġjonali, kontinentali u dinjin differenti. L-UE ser tintegra wkoll l-interventi tagħha fis-Saħel fil-perspettiva tar-rabtiet politiċi, kulturali u kummerċjali formali u informali li jeżistu b'mod partikolari bejn is-Saħel u l-Afrika ta' Fuq.

***Sħubija li ilha teżisti u li kostantement tiġi adattata***

10. Din l-istrateġija tkompli sħubija soda u fit-tul mas-Saħel. Fil-perijodu mill-2014 sal-2020, l-UE mmobilizzat l-istrumenti kollha tagħha, mill-għajnuna umanitarja għall-appoġġ lill-forzi tad-difiża u tas-sigurtà, l-istabbilizzazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli, sal-livelli kollha ta' kooperazzjoni: nazzjonali, reġjonali, kontinentali, internazzjonali u tematika. Il-baġits globali żdiedu b'aktar mid-doppju. Il-modalitajiet tal-għajnuna ġew adattati sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw partikolarment is-sigurtà u l-istabbiltà. Inħolqu strumenti ġodda ta' kooperazzjoni biex iżidu l-ħeffa u l-impatt tal-appoġġ tal-UE, bħall-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza u l-missjonijiet hekk imsejħa ta' "tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp". Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-UE skjerat azzjoni ta' stabbilizzazzjoni fil-Mali skont l-Artikolu 28 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Hija rrevediet l-arranġamenti għall-użu tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika sabiex tkun tista' tappoġġa l-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel u azzjoni aktar reġjonali mill-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni fil-Mali (MINUSMA). Il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika ilha mill-2016 tappoġġa wkoll lit-Task Force Konġunta Multinazzjonali fil-ġlieda tagħha kontra Boko Haram.

11. L-iskjerament ta' żewġ missjonijiet ċivili (EUCAP Sahel Niger fl-2012 u EUCAP Sahel Mali fl-2014) u ta' missjoni militari (EUTM Mali fl-2013) li, filwaqt li josservaw il-mandati rispettivi tagħhom, għandhom l-impenn li jappoġġaw ir-reġjun kollu, jagħti kontribut għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tad-difiża u tas-sigurtà sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-popolazzjonijiet. Sa mill-2019, dan l-isforz ta' reġjonalizzazzjoni tal-azzjoni Ewropea ġie kkompletat mill-azzjoni taċ-Ċellula ta' Konsulenza u Koordinazzjoni Reġjonali. Bosta Stati Membri tal-UE huma involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, partikolarment fl-Operazzjoni Barkhane u fit-Task Force ta' Takuba jew ukoll billi jappoġġaw lill-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel fil-qasam militari, inkluż fil-qafas ta' ftehimiet u ta' kooperazzjoni militari fuq livell bilaterali. L-UE tappoġġa wkoll il-qafas ta' konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt umanitarju internazzjonali. Għadd dejjem jikber ta' Stati Membri tal-UE qed jimpenjaw ruħhom fil-MINUSMA. Dawn l-isforzi jirriflettu l-impenn Ewropew għall-paċi, is-sigurtà, l-istabbilizzazzjoni u l-ħarsien tal-popolazzjoni ċivili fis-Saħel.
12. L-UE tilqa' l-appoġġ tal-komunità internazzjonali fis-Saħel. Tfaħħar l-isforzi kollha bil-għan ta' koordinazzjoni u koerenza akbar bejn il-bosta inizjattivi favur ir-reġjun, fosthom l-Alleanza għas-Saħel, il-P3S u l-Koalizzjoni għas-Saħel, li fihom l-UE tieħu sehem. L-UE tibqa' tħaddan l-erba' pilastri identifikati f'April 2020 u inkorporati fil-qafas tal-Koalizzjoni għas-Saħel, skont loġika ta' awtonomija u ta' koordinazzjoni mill-qrib bejn kull pilastru: i) il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ii) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-forzi tad-difiża u ta' sigurtà nazzjonali u tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel, iii) l-iskjerament tal-Istat, tal-amministrazzjonijiet u tas-servizzi bażiċi f'kuntast ta' stabbilizzazzjoni iv) l-azzjonijiet ta' żvilupp.

13. L-UE taqdi rwol ewlieni, flimkien mas-segretarjat eżekuttiv tal-G5 tas-Saħel, fil-qasam tal-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-pilastri ii) u iii), miġbura flimkien fil-qafas tal-P3S, li s-segretarjat tagħha hu integrat fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Bħala membru fundatur tal-Alleanza għas-Saħel, l-UE ser tkompli timpenja ruħha fi ħdan din l-inizjattiva bħala parti mill-appoġġ tagħha għall-iżvilupp.

***Strateġija ambizzjuża, inklużiva u flessibbli bbażata fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà***

14. L-UE tixtieq ittenni l-prinċipji li fuqhom hi msejsa s-sħubija tagħha mal-pajjiżi tas-Saħel u timpenja ruħha li tadatta l-metodi ta' ħidma tagħha sabiex issaħħaħ kemm jista' jkun l-impatt tal-appoġġ tagħha sabiex tikkontribwixxi għat-titjib sostenibbli tal-kondizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjonijiet fis-Saħel. Fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha, l-UE għalhekk ser tagħti attenzjoni partikolari lill-effettività tal-azzjoni tagħha, kif ukoll lir-rispett tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara" u "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".

15. Ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-ħarsien tal-individwu minn kull ksur tal-integrità tiegħu jew tagħha ser jibqgħu fil-qalba tal-azzjoni tal-UE fl-oqsma kollha ta' intervent fis-Saħel.

16. Minħabba l-ħtieġa li jinkisbu riżultati konkreti malajr kemm jista' jkun, l-UE tixtieq tintegra l-azzjoni tagħha fi sħubija bbażata fuq ir-responsabbiltà ta' kull sieħeb li jħares l-impnġi tiegħu. Din ir-responsabbiltà reċiproka hija msejsa fuq djalogu politiku mill-qrib u kontinwu li jippermetti progress fuq punti ta' prijorità definiti b'mod konġunt, f'ambjent ta' fiduċja. Għandha l-għan li tħeġġeġ il-kisba ta' objettivi konkreti u li jistgħu jitkejlu, b'mod partikolari fl-oqsma tal-governanza, l-istat tad-dritt u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità.

17. Id-dikjarazzjoni konġunta tat-28 ta' April 2020 affermat mill-ġdid ir-responsabbiltà primarja tal-Istati tal-G5 tas-Saħel fl-istabbilizzazzjoni reġjonali. Sabiex l-impatt tagħha jkun qawwi kemm jista' jkun, jeħtieġ li l-azzjoni tal-UE tkun imsejsa fuq rieda politika u impenn bla heda min-naħa tal-gvernijiet tas-Saħel kif ukoll tal-awtoritajiet lokali biex jimplementaw l-impenni tagħhom u jimmobilizzaw il-kapaċitajiet meħtieġa. Is-Saħel igawdi minn appoġġ estern sinifikanti, b'mod partikolari mill-UE. Minkejja l-iskala tiegħu, dan l-appoġġ ma jistax ikun kompletament effettiv mingħajr sjieda qawwija min-naħa tal-awtoritajiet tas-Saħel kif ukoll fil-livell lokali u komunitarju.
18. L-UE ser tkompli bl-appoġġ ta' urġenza u l-assistenza umanitarja tagħha biex twieġeb għall-kriżijiet għall-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, b'rispett tal-prinċipji umanitarji internazzjonali. L-UE ser tkompli tippromwovi b'mod attiv ir-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali mas-sħab tagħha tas-Saħel, issaħħaħ il-ħarsien tal-popolazzjonijiet ċivili, tfakkar fl-importanza li jiġi garantit aċċess umanitarju sikur u mingħajr xkiel biex jintlaħqu persuni vulnerabbli milqutin mis-sitwazzjonijiet kollha ta' konflitt, u ssaħħaħ il-koordinazzjoni ċivili-militari partikolarment bil-għan li jiġu protetti u promossi l-prinċipji umanitarji. Fi ħdan approċċ integrat u koerenti għall-azzjoni tal-UE, hija ser tibni fuq "rabta", bejn l-għajnuna umanitarja, l-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli u l-appoġġ għall-paċi.
19. L-UE ser tkompli tappoġġa l-koeżjoni soċjali, l-istabbilizzazzjoni, il-prevenzjoni tal-konflitti u tal-kriminalità transfruntiera, l-isforzi ta' medjazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi, permezz ta' rispons għall-kawżi immedjati u profondi tal-insigurtà u tal-instabbiltà. Ser tkompli tappoġġa l-isforzi bil-għan li titrażżan il-firxa tal-instabbiltà. L-UE tixtieq tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni l-aktar fraġli f'termini ta' sigurtà, partikolarment ir-reġjun ta' Liptako Gourma u dak tal-Lag Chad.



20. F' approċċ inklużiv, l-UE ser tara wkoll li sserraħ fuq l-awtoritajiet deċentralizzati u fuq is-soċjetà ċivili fid-diversità kollha tagħha.
21. L-UE ser tiżgura li jiġi segwit approċċ adattat għal kull kuntest, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjonijiet, tal-entitajiet deċentralizzati u tal-Istati. Fuq il-bażi tal-esperjenza tagħha, u sabiex tadatta l-azzjoni tagħha bl-aħjar mod possibbli, l-UE ser tkompli wkoll tiddependi mid-delegazzjonijiet tagħha u r-rappreżentanti tal-Istati Membri tagħha fis-Saħel u tappoġġa studji u analiżi li jinkludu d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bil-mira ta' fehim aħjar tad-diffikultajiet u l-isfidi reġjonali, nazzjonali u lokali, u tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjonijiet, sabiex tkun tista' tagħti tweġiba adegwata.
22. Fl-approċċ tagħha, u f'konformità mal-prijoritajiet tagħha, l-UE l-ewwel u qabel kollox ser tqis il-politiki u l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali tas-Saħel, kif ukoll il-kontributi ta' organizzazzjonijiet reġjonali b' mod partikolari dawk tal-ECOWAS u l-Unjoni Afrikana. L-"Istrateġija għall-Iżvilupp u s-Sigurtà" tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel tal-2016 u l-"Qafas Integrat ta' Azzjonijiet ta' Prijorità" tal-2020, il-"Pjan ta' Emerġenza għall-implimentazzjoni tiegħu" u l-Pjan ta' Investiment ta' Prijorità, adottati fil-livell reġjonali, ser jikkostitwixxu partikolarment l-oqfsa privileġġati għall-azzjoni tal-UE.
23. Għal azzjoni effettiva, rapida u sostenibbli, l-UE ser tiffoka fuq inizjattivi konġunti u ser tkompli ttejjeb il-koordinazzjoni interna tagħha. L-UE ser tiddependi wkoll mir-Rappreżentant Speċjali tagħha għas-Saħel għal dan. Barra minn hekk, l-UE ser tara li jkun hemm koordinazzjoni tajba tal-isforzi mas-sħab internazzjonali, b' mod partikolari dawk tal-G5 tas-Saħel, tal-ECOWAS, tal-UA, tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali kif ukoll tas-sħab bilaterali strateġiċi li jaqsmu magħha l-impenn li jagħtu kontribut għall-istabbiltà u l-iżvilupp tas-Saħel. Il-koalizzjoni għas-Saħel u l-pilastri tagħha jipprovdu qafas privileġġat għal dan, mingħajr preġudizzju għall-proċessi interni ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

24. Sabiex jiġu żgurati l-akbar effikaċja u effiċjenza, l-UE ser tkompli tappella lill-fora ta' koordinazzjoni bħall-Koalizzjoni għas-Saħel, inkluż l-istrutturi ta' governanza tal-pilastri tagħha, biex jibqgħu flessibbli, inklużivi u ħfief.

### ***Prijoritajiet strateġiċi***

25. L-istrateġija tal-UE għas-Saħel ser tipprovdi l-qafas għall-politika u l-azzjonijiet tal-UE fis-Saħel. L-UE tissottolinja l-importanza ta' "qabża ċivili u politika": patt politiku u ta' governanza ġdid li jiffoka b'mod partikolari fuq l-istabbilizzazzjoni fuq perijodu qasir, prospettivi ta' żvilupp soċjali, ambjentali u ekonomiku sostenibbli fit-tul, lil hinn mill-isforz militari. L-UE ser tkompli tappoġġa l-erba' pilastri tal-Koalizzjoni, filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom.

26. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-azzjoni esterna tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, hija ser tkompli tiġi mobilizzata fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-gruppi armati, kif ukoll it-traffikar transfruntier u l-kriminalità organizzata. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi ta' sigurtà tal-Istati tal-G5 tas-Saħel u tal-Forza Konġunta tagħhom, inkluż permezz tal-missjonijiet militari u ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Hija tilqa' l-impenn ta' diversi Stati Membri tal-UE fit-Task Force Takuba biex jappoġġaw il-ġlieda tal-Forzi Armati tal-Mali.

27. L-UE ser tkompli tappoġġa r-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) billi ttejjeb l-effiċjenza operattiva u l-ġestjoni tar-riżorsi umani, iżżid it-trasparenza, inkluż it-trasparenza finanzjarja, u ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' akkontabbiltà interna. Hija ser tkompli tippromwovi rwol aktar ċentrali tal-forzi tas-sigurtà interna fit-tiżni tar-relazzjoni ta' fiduċja bejn il-poplu u l-Istat, b'mod partikolari billi tappella għas-sostituzzjoni gradwali tal-forzi armati fil-livell lokali mill-forzi tas-sigurtà interna u għat-tiżni tal-komunikazzjoni tagħhom mal-popolazzjonijiet milquta. L-appoġġ tal-UE għar-RSS għandu jkompli jikkontribwixxi biex jerġa' jkun hemm i s-sigurtà tal-bniedem, u jibqa' bbażat fuq il-prinċipji tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż għall-aċċess umanitarju u l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili.
28. L-UE tinsab lesta li iżżid l-appoġġ tagħha għal ġestjoni effettiva u ekwa tat-territorji kollha, preżenza responsabbli tal-Istat u l-ġoti inklużiv ta' servizzi pubbliċi bażiċi lill-popolazzjonijiet kollha bil-ħsieb tal-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp. Sabiex l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jwettqu dawn il-funzjonijiet essenzjali, l-UE tinsab lesta li tassisti lill-Istati tas-Saħel biex jirrealizzaw inizjattivi mmirati lejn it-tiżni tar-relazzjonijiet ta' fiduċja bejn il-popolazzjonijiet u l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari billi tappoġġa l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni u ta' parteċipazzjoni pubblika akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali.

29. L-UE ser tagħti attenzjoni politika partikolari lill-isforzi fl-oqsma tal-governanza u l-istat tad-dritt. Hija ser tappoġġa r-riformi u ser tikkontribwixxi għat-tiġid tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari l-kapaċitajiet istituzzjonali. Hija tinsab lesta li takkumpanja mumentali ewlenin tad-demokrazija, b'mod partikolari d-diskussjonijiet dwar il-kuntratt soċjali, il-proċessi elettorali, u l-inklużività tal-proċessi u r-riformi politiċi. L-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali li rriżulta mill-Proċess ta' Alġier tal-2015 u l-isforzi għall-istabbilizzazzjoni fiċ-Ċentru tal-Mali kif ukoll ir-riformi mistennija f'dan il-kuntest ser jiġu ssorveljati mill-qrib. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tappoġġa wkoll id-deċentralizzazzjoni u l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili.
30. L-UE ser tibqa' viġilanti u lesta tappoġġa l-isforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż mill-forzi tad-difiża u tas-sigurtà, kontra s-sentiment ta' inġustizzja jew ta' abbandun, ta' nuqqas ta' protezzjoni, li kollha jidhru li illum qed jimminaw il-kuntratt soċjali bejn l-Istati u ċ-ċittadini u jħeġġu r-reklutaġġ mill-gruppi armati. Għandhom jittieħdu passi legali kontra l-ksur jew l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt umanitarju internazzjonali u daww responsabbli għal atti bħal dawn għandhom jinżammu responsabbli. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari lis-settur tal-ġustizzja fl-intier tiegħu u lill-mekkaniżmi ta' akkontabbiltà li jippermettu li tiġi miġġielda l-impunità u li terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja pubblika fis-sistema ġudizzjarja tagħha. L-UE ser tkompli tippromwovi, tippoteġi u tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha u tappoġġa d-difensuri tagħhom. F'dan il-kuntest, hija ser tkompli tappoġġa wkoll il-ġurnalisti fl-eżerċizzju liberu ta' dmirijietom, kif ukoll ser tippromwovi l-libertà tal-espressjoni.

31. L-Unjoni Ewropea għadha impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u għadha impenjata għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR), f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq, u jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwar, kwistjonijiet marbutin mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-Unjoni Ewropea tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.
32. F'konformità mal-Aġenda tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE<sup>1</sup>, l-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rwol tan-nisa, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-bini tal-paċi u ż-żamma tal-paċi, governanza aħjar u żvilupp sostenibbli. Hija ser tappoġġa l-isforzi fil-qasam tal-emanċipazzjoni, il-parteċipazzjoni sħiħa, indaq u sinifikanti u r-rappreżentanza tan-nisa. Hija ser iżżid l-azzjoni tagħha fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u sessista, b'mod partikolari kontra n-nisa u l-bniet.
33. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tat-tfal affettwati mill-konflitt u l-kriżi tas-sigurtà, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tagħha għar-riforma tas-settur tas-sigurtà, u tissottolinja li huwa essenzjali li jiġi evitat u jintemm il-ksur tad-drittijiet tat-tfal, inkluż ir-reklutaġġ u l-użu tagħhom, u li dawn it-tfal jiġu integrati mill-ġdid fis-soċjetà.

---

<sup>1</sup> [UNSCR 1325 \(2000\) u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà](#), u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE

34. F'konformità mar-Riżoluzzjoni 2250 dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà<sup>2</sup>, l-UE ser tappoġġa lill-awtoritajiet biex ipogoġu liż-żgħażaġh fil-qalba tal-politiki u fil-qalba tal-iżvilupp, biex jinvestu f'edukazzjoni ta' kwalità, fl-impjieġ taż-żgħażaġh u fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. It-titjib tal-prospetti tagħhom, speċjalment għan-nisa u l-bniet żgħażaġh, ser jeħtieġ approċċ distint, adattat għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom kif ukoll għall-kuntesti soċjoekonomiċi.
35. Filwaqt li tibqa' fuq quddiem nett fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kif stabbiliti fl-Aġenda 2030, l-UE ser iżżomm il-ġlieda kontra l-faqar u SDGs oħra fil-qalba tal-azzjoni tagħha. Filwaqt li ssegwi l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, hija ser tinkoraġġixxi lill-pajjiżi tas-Saħel fl-isforzi tagħhom biex jiksbu żvilupp sostenibbli u inklużiv, inkluż il-protezzjoni tal-ħabitats, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni. Konxja tal-konsegwenzi diretti tagħha għall-popolazzjonijiet, inkluż f'termini ta' sigurtà, l-UE ser tkompli tappoġġa l-isforzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Hija ser tkompli tappoġġa reżiljenza akbar tal-popolazzjoni, tieġu sehem fl-isforz internazzjonali biex jiġi limitat l-impatt tal-COVID-19 kif ukoll tappoġġa r-riformi ekonomiċi strutturali u l-ħolqien ta' impjieġi deċenti.
36. B'appoġġ għall-ekonomiji tas-Saħel u għad-diversifikazzjoni tagħhom, l-UE ser tinkoraġġixxi wkoll iż-żieda fl-investiment privat sostenibbli.
37. Filwaqt li tagħraf l-isfidi importanti għall-iżvilupp sostenibbli iżda wkoll għall-istabbilizzazzjoni tar-reġjun li jirriżultaw minn kwistjonijiet ta' aċċess għall-art, l-ilma, inkluż l-ilma tax-xorb, u għal riżorsi naturali oħra, l-UE ser tippromwovi l-ġestjoni u kooperazzjoni sostenibbli, integrati u inklużivi tagħhom fil-livelli reġjonali, nazzjonali u lokali f'dan ir-rigward. Biex titnaqqas l-insigurtà alimentari u nutrizzjonali serja, l-UE ser tinkoraġġixxi wkoll it-tisħiħ tas-sistemi agrikoli sostenibbli.

---

<sup>2</sup> [UNSCR 2250 \(2015\)](#)

38. L-UE tixtieq tkompli tippromwovi kooperazzjoni siewja fil-qasam tal-migrazzjoni, billi tibni fuq is-sħubiji kostruttivi stabbiliti f' dawn l-aħħar snin.
39. L-UE ser tkompli taħdem fis-Saħel u mas-sħab tagħha tas-Saħel biex tissaħħaħ is-sistema multilaterali, li fil-qalba tagħha jinsabu n-Nazzjonijiet Uniti. Hija ser tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tal-kooperazzjoni multilaterali, flimkien mal-organizzazzjonijiet reġjonali bħall-ECOWAS u l-UA u organizzazzjonijiet tan-NU fis-Saħel, fosthom l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Afrika tal-Punent u s-Saħel (UNOWAS), u l-Koordinatur Speċjali għall-Iżvilupp fis-Saħel. Filwaqt li jilqa' r-rwol ewlieni tal-MINUSMA, b' mod partikolari fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fil-Mali, li l-UE u n-Nazzjonijiet Uniti huma membri tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni tiegħu, hija ser taħdem fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-ftehim tekniku bejn l-UE, in-NU u l-Istati tal-G5 tas-Saħel, bil-ħsieb li tipprovdi appoġġ operazzjonali u loġistiku lill-Forza Konġunta<sup>3</sup>. Hija tinsab lesta wkoll li tesplora l-aktar modi xierqa ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-Segretarjat Eżekuttiv tal-G5 tas-Saħel. L-UE tinsab lesta wkoll li tikkontribwixxi għar-riflessjonijiet internazzjonali dwar finanzjament sostenibbli u prevedibbli b' appoġġ għall-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel.

### *Varjetà wiesgħa ta' strumenti għall-viżjoni strateġika*

40. L-UE tafferma mill-ġdid li tinsab lesta li timmobilizza d-diversità kollha tal-ġhodod tagħha fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha. Djalogu politiku msaħħaħ bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-G5 tas-Saħel u kull wieħed mill-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, inkluż fl-ogħla livell, għandu jagħmilha possibbli li nimxu 'l quddiem flimkien u li jittieħed kont tal-obiettivi stabbiliti. L-UE tistenna wkoll l-azzjoni kruċjali tar-Rappreżentant Speċjali tagħha għas-Saħel biex issaħħaħ il-koerenza globali tal-azzjonijiet tagħha, u biex tikkontribwixxi għad-djalogu politiku u għall-koordinazzjoni internazzjonali.

---

<sup>3</sup> Kif previst fil-[UNSCR 2391 \(2017\)](#)

41. Barra minn hekk, u fil-qafas tal-appoġġ tagħha għad-demokrazija, il-governanza u d-drittijiet tal-bniedem, l-UE ser tkun tista' timmobilizza l-missjonijiet elettorali tagħha biex jakkumpanjaw il-proċessi elettorali nazzjonali. Hija ser tkun tista' tibni wkoll fuq l-iżvilupp ta' politika ta' diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Fejn adatt, l-UE tirriżerva d-dritt li tirrevedi l-appoġġ tagħha u li timmobilizza fi kwalunkwe ħin ir-reġim tagħha ta' miżuri restrittivi marbuta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
42. F'approċċ ta' "Tim Ewropa", l-istabbiliment tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali ser jagħmilha possibbli li jingħata kontribut għall-isforzi biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti, l-istabbilizzazzjoni, il-konsolidazzjoni u ż-żamma tal-paċi. Hija ser tippermetti wkoll il-kontinwazzjoni, fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Istrument, tal-appoġġ Ewropew għat-tishiĥ tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp. Il-ħolqien tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi ser jippermetti l-appoġġ għall-azzjonijiet ta' tishiĥ tal-kapaċitajiet fil-qasam militari jew tad-difiża, inkluż b'appoġġ għall-mandati tal-missjonijiet tal-PSDK, b'appoġġ għall-Forza Konġunta tal-G5 tas-Sahel u għall-istituzzjonijiet tal-istat. Barra minn hekk, il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji innovattivi ġodda tal-UE ser tkun ukoll partikolarment rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun.



43. L-UE ser tkompli tikkontribwixxi wkoll għat-tishiġ tal-kapaċitajiet fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, permezz tal-mobilizzazzjoni tal-missjonijiet tal-PSDK tagħha u billi tkompli timplimenta xi adattamenti għall-mandat tal-EUTM Mali, inkluż l-azzjonijiet deċentralizzati u d-dimensjoni reġjonali tal-missjoni, inkluż għall-benefiċċju tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel. L-UE ser tkompli tadatta l-missjoni għall-ħtiġijiet u l-iżviluppi fuq il-post. Hija ser tikkontribwixxi wkoll għall-"qabża ċivili u politika" permezz tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK tagħha u l-appoġġ tagħhom għall-iskjerament tal-istat u r-riforma tal-governanza tas-settur tas-sigurtà.
44. L-UE ser tistabbilixxi politika ta' komunikazzjoni pubblika ambizzjuża biex tqajjem kuxjenza dwar in-natura u l-firxa tal-azzjoni tagħha b'appoġġ għas-Saħel. Hija ser tkompli wkoll tindirizza t-tentattivi ta' diżinformazzjoni u t-theddid ibridu. Ser tindirizza wkoll il-komunikazzjoni tagħha lill-popolazzjonijiet lokali, pereżempju billi tfittex li tiżgura li l-komunikazzjonijiet pubbliċi tagħha jiġu tradotti fil-lingwi tar-reġjun. Dawn l-isforzi ta' informazzjoni għandhom jakkumpanjaw u jappoġġaw inizjattivi ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali u/jew interkomunitarji.

45. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ politiku kostanti tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha u biex tkun tista', fejn meħtieġ, tadatta l-azzjoni tagħha għall-iżviluppi u t-tagħlimiet meħuda, l-UE ser tidentifika, f'konsultazzjoni mas-sħab tas-Saħel, objettivi prijoritarji speċifiċi, pajjiż b'pajjiż u fuq livell reġjonali. Il-Kunsill jixtieq ikun jista' jiddependi, għal dan il-għan, fuq id-delegazzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanzi tal-Istati Membri tiegħu akkreditati tul dan il-proċess, kif ukoll għall-monitoraġġ regolari tal-progress fit-twettiq tal-impenji rispettivi f'kull wieħed mill-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel u l-identifikazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jinkisbu dawn l-objettivi. Il-Kunsill ser jirrevedi regolarment il-progress fir-rigward tal-prijoritajiet tal-UE. Dawn ser jiġu kondiviżi mas-sħab l-oħra tal-Koalizzjoni għas-Saħel biex jikkontribwixxu għall-koerenza tal-azzjoni internazzjonali fir-reġjun. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex jipproponu arranġamenti għat-tħaddim, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' din l-istrateġija.

### ***Rimarki konklużivi***

46. Filwaqt li tinsab impenjata li tadatta l-objettivi u l-metodi tagħha għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, l-UE ttenni x-xewqa tagħha li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sħubija tagħha mal-G5 tas-Saħel, l-Istati Membri tagħha, l-istituzzjonijiet tagħha u l-popolazzjonijiet tagħha. Fi spirtu ta' responsabbiltà reċiproka u abbażi ta' impenji konkreti viżibbli għall-popolazzjonijiet affettwati, l-UE tixtieq tkun tista' tikkontribwixxi saħansitra aktar għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija, il-paċi u l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli tas-Saħel għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet tas-Saħel.